MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2011

Numru 46/2010

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Emanuel Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 46 tas-sena 2010 kontra l-akkuzat Emanuel Farrugia li bih huwa gie akkuzat talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel u l-Uniku Kap illi fit-tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) gewwa il-kazin Santa Marija Stella Levantina, H`Attard kien hemm kompetizzjoni tal-billiard bejn il-Kubana Bar ta' San Gwann u l-Mosta Billiard Hall. L-akkuzat EMANUEL FARRUGIA kien qieghed jippartecipa f`dina l-kompetizzjoni mal-Kubana Team. Matul din il-kompetizzjoni kollha l-akkuzat xorob ammont konsiderevoli ta` alkohol. F`dan il-kazin kien hemm ukoll certu Carmelo Falzon li flimkien ma shabu kien qieghed jara l-loghba tal-billiard ghal affari tieghu. Meta dina l-kompetizzjoni spiccat ghal-habta tan-nofs siegha ta'

filghodu (12.30am) tal-erbatax (14) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) l-akkuzat hareg il-barra u beda joffendi u jinsulenta lil dan Carmelo Falzon li dak il-hin kien sejjer lejn il-karozza sabiex imur lura lejn id-dar tieghu. Hemm hekk f'nofs tat-triq inqalet glieda u l-akkuzat EMANUEL FARRUGIA mill-ewwel hareg mus mil-but u dolozament bil-hsieb li joqtol lil Carmelo Falzon jew li jqieghdlu hajtu f`periklu car beda jxejjer u jaghtieh diversi daqqiet b`dan il-mus lejn partijiet vitali tal-gisem. Fil-fatt minhabba din l-aggressjoni ghal xejn b`xejn, brutali u mill-aktar vjolenti minn naha ta` EMANUEL FARRUGIA, Carmelo Falzon garrab griehi ta` natura gravi u b'mod partikolari minn lacerazzjoni kbira ta` madwar hamsa u ghoxrin (25) centimetru li kienet testendi minn haddejh ix-xellugija sal-parti ta' wara tar-ras. Wara dan l-attakk feroci EMANUEL FARRUGIA harab minn fuq il-post u hallha lil Carmelo Falzon mimli demm. Minhabba din il-gerha li sofra, Carmelo Falzon kellu jiddahhal l-isptar fejn gie sottopost ghal-intervent kirurgiku u ghal-kura necessarja mit-tobba. Fortunatament il-griehi gravi li garrab Carmelo Falzon ma ikkawzawx il-mewt.

Illi b`ghemilu l-imsemmi EMANUEL FARRUGIA sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi EMANUEL FARRUGIA hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f`periklu car, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta' bidu ghall- ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu.

Talab li jinghamel skond il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghal-piena ta' prigunerija minn seba` snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-

artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sitt (6) voti favur u bi tlett (3) voti kontra sabu lill-akkuzat Emanuel Farrugia **mhux hati** tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza, ghax ghalkemm ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Carmelo Falzon billi gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz, b' dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu.

Tiddikjara ghalhekk lil Emanuel Farrugia **mhux hati** tal-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza ghax ghalkemm ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna tal-istess Carmelo Falzon billi gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz, b' dana li r-reat hu skuzabbli ghaliex agixxa fil-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu innifsu, w minnu tilliberah u wara li rat l-artikoli 223 u 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus, u, jekk mhux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------